MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Numru. 5/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**vs**

**Steve Vassallo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Steve Vassallo ta’ 28 sena, iben Anthony u Mari Anna nee’ Vella, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Marzu, 1975 u residenti Block ‘H’ Flat 6 Neighbourhood 2, Triq il-Lellux, St. Lucia u detentur tal-karta tal-identita’ numru 162975(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-28 ta’ Settembru 2003 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer seraq senter tal-marka Browing b’numru ta’ serje 24816 li jiswa aktar minn mitt Lira Maltin (LM100)

pero’ anqas minn elf Lira Maltin (LM 1,000) ghad-detriment ta’ Joseph Mallia liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mezz u l-hin.

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Browning b’numru ta’ serje 24816 jew munizzjon xort’ohra milli b’ licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien ghall-kacca minghajr ma ghandu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi f’ santwarju ta’ l-ghasafar jigifieri fic-Cimiterju tal-Addolorata ikkacja, fera jew ipprova jikkacja, jferi jew jiehu xi ghasfur.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew that il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar f’santwarju tal-ghasafar.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’ santwarju ta’ l-ghasafar kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet jew parti minn xi ghasfur.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi waqt li kien ghall-kacca tal-ghasafar f’santwarju ta’ l-ghasafar kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar li kienet ikkargata b’aktar minn 3 skratac.

Sar recidiv b'diversi sentenzi datati 5 ta' Novembru 1993 (Awla 5); 17 ta' Lulju 1998 – Qorti ta' l-Appell Kriminali; 21 ta' Mejju 1999 – Magistrat Dr. Silvio Meli liema sentenzi huma kollha definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li barra il-piena skond il-Ligi tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenzja tal-arma ghall-zmien mhux inqas minn sena.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Dicembru 2003 (esebit *a folio 12* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2004 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dawn li gejjin. Fit-28 ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-07:30pm zewg membri tal-korp tal-pulizija fis-sezzjoni tal-Administration Law Enforcement (ALE) u cioe' PC1209 Edmond Grima u PC 800 Jason Mercieca kienu qedin patrol fl-inhawi tas-Santwarju tac-Cimiterju tal-Addolorata meta osservaw lill-imputat Steve Vassallo gewwa s-Santwarju b'senter f'idejh. Meta l-imputat lemah lil Pulizija huwa telaq jigri u rema l-arma tan-nar u c-cintorin bl-iskratac ma' l-art. PC 800 gera wara l-imputat u waqfu filwaqt li PC1209 Edmond Grima gabar is-senter u c-cintorin bl-iskratac minn ma' l-art. Is-senter kien ikkargat b'hamest iskratac. L-imputat ammetta mal-Pulizija li kien dahal fis-Santwarju ghaliex kien ra gamiema diehla u ammetta ukoll li kien

spara lejn l-istess gamiema li filfatt instabet mill-Pulizija u ritratt taghha li jinsab inserit a fol 21 tal-process. Is-senter li instab fil-pussess tal-imputat gie mehud mill-Pulizija u kien tal-marka Browning bis-serial number 24816. Wara li saru l-verifiki dwar dan is-senter irrizulta li l-istess senter filfatt kien misruq u kien gie misruq fil-5 ta’ Settembru 2001 mill-hanut Joe Mallia Star, f’Rahal Gdid (process verbal relattiv inserit a fol 46 tal-process).

Fit-2 ta’ Ottubru 2003 l-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol 54 sa a fol 55 tal-process) fejn ammetta li fit-22 ta’ Settembru 2003 kien ghal kacca fis-Santwarju tal-Addolorata, ammetta ukoll li huwa la kellu licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar u lanqas licenzja ghall-kacca, ammetta ukoll li s-senter kien ikkargat b’hamest iskratac u qal li kien jaf li senter tal-kacca suppost ikun ikkargat bi tlett iskratac biss u ammetta ukoll li kien spara u laqat gamiema fis-Santwarju. Dwar is-senter tal-marka Browning li instab fil-pussess tieghu, l-imputat innega li kien involut fis-serq tal-istess arma izda qal li kien xtara din l-arma minghand persuna li ma xtaqx isemmi ghaliex kien qed jibza’ u qal ukoll li ma kienx jaf li s-senter kien misruq ghaliex il-persuna li bieghitlu l-arma qaltlu li dan is-senter kien ingab bil-kuntrabandu mill-Italja. L-imputat izda ammetta li kien jaf li l-persuna li minghandha xtara s-senter kienet tbiegh affarijiet misruqin.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ l-ewwel(1) akkuza l-imputat jinsab akkuzat bis-serq aggravat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u bil-hin in kwantu jirrigwarda s-senter tal-marka Browning li saret referenza ghalih fil-paragrafu precedenti filwaqt li permezz tat-tieni(2) akkuza huwa jinstab akkuzat bir-ricettazzjoni tal-imsemmi senter. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta pruvat ir-reat ta’ ricettazzjoni izda mhux dak ta’ serq. Il-Qorti jidrilha li l-imputat kien jaf li s-senter li nstab fil-pussess tieghu kien misruq fil-mument li huwa xtrah u dan ghaliex huwa stess ammetta li kien jaf lill-persuna li minghandha xtara s-senter kienet tbiegh affarijiet misruqin. Il-fatt li l-imputat ghazel li ma jindikax l-isem tal-

persuna minghand min kien xtara s-senter hija prova ulterjuri li huwa kien jaf li s-senter kien misruq.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. L-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel(1) akkuza li inghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tieni(2), it-tielet(3), ir-raba'(4), il-hames(5), is-sitt(6), is-seba'(7), it-tmien(8) u d-disa'(9) akkuza ftit hemm x'jinghad dwarhom hlief li fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat ammetta li kien ghal kacca fis-Santwarju tal-Addolorata, ammetta li la kellu licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar jew sabiex imur ghall-kacca, u ammetta wkoll li kellu s-senter ikkargat b'hamest iskratac u li kien spara u laqat gamiema gewwa s-Santwarju, PC 800, PC 1209 inoltre ikkonfermaw dan kollu meta xehdu quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2004 u inoltre Stanley Gatt li xehed fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2005 ikkonferma li l-gamiema li tidher fir-ritratt inserit a fol 21 tal-process hija speci regolata bl-Avviz Legali 146/1993 u din ma tistax tigi kkaccjata f'riserva naturali. L-akkuzi mmarkati minn tnejn(2) sa disgha(9) ghalhekk jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ghaxar (10) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li sar recidiv b'diversi sentenzi datati 5 ta' Novembru 1993, 17 ta' Lulju 1998 u 21 ta' Mejju 1999 rispettivament. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha ukoll tipprova din l-akkuza permezz ta' sentenzi esebiti a fol 56 sa 70 u l-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati anki tal-ghaxar(10) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena, l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni x-xhieda moghtija minn Jean Cali, Donald Pace Bonello u Chris Dalli li wkoll ikkonfermaw li l-imputat

kien fil-fazi finali ta' programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga u li huwa kien mar tajjeb hafna fil-programm u kien ukoll sab impjieg jidrilha li m'ghandhiex tiddisturba l-progress maghmul u milhuq mill-imputat u jidrilha ghalhekk li l-piena karcerarja m'hijiex idoneja fic-cirkustanzi u li jkun aktar opportun li timponi ordni ta' probation bhala piena ghat-tieni(2) akkuza u piena pekunjarja in kwantu jirrigwarda l-bqija tal-akkuzi li taghhom l-imputat qed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(1) u 9(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 7(1), 8, 21 tal-Avviz Legali 146/1993, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2), t-tielet(3), ir-raba'(4), l-hames(5), is-sitta(6), is-seba'(7), it-tmienja(8), id-disgha(9) u ghaxra(10) akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt ewro(€800) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett(3) snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Steve Vassallo ghandu jgib ruhha tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Steve Vassallo ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

Stante li l-ewwel(1) akkuza inghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta’ Gudikatura Krimonali
Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

**Illum 26 ta’ Marzu 2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**Steve Vassallo**

ORDNI TA’ PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Seduta tal-llum 26 ta’ Marzu 2010;

Billi b’sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Steve Vassallo gie mpoggi taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ tlett(3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Probation (inkluz l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta’ tlett snin(3), ikun jista’ jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta’ din l-Ordni ta’ Probation.

Ghalhekk tordna li l-imsemmi Steve Vassallo ta’ 28 sena, iben Anthony u Mari Anna nee’ Vella, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Marzu, 1975 u residenti Block ‘H’ Flat 6 Neighbourhood 2, Triq il-Lellux, St. Lucia u detentur tal-karta tal-identita’ numru 162975(M) jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett(3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Steve Vassallo ghandu jgib ruhha tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Steve Vassallo ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’ kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur

tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Steve Vassallo**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------